**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Kump. 285/81***

***Pulizija***
***Spettur Paul Micallef***
***vs***
***Mario Debono***

Illum …. ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat huma bazati fuq is-segwenti reati Sekwestru tal-persuna, Theddid b'arma tan-nar, Ksur ta' l-ordinanza dwar l-armi u Reati ohra ta' natura kontravenzjonali.

Illi mill-assiem tal-provi irrizulta illi fis-06 ta' Mejju 2001 ghall-habta ta' l-4.00pm inqaghlat tilwima bejn l-imputat u xi haddiema Gharab li kienu qed jaghmlu xoghol ta' kostruzzjoni fuq bini faccata tad-dar tieghu. Jidher li hin minnhom dawn ghaddew xi kummenti li l-imputat hass li kienu diretti lejn il-mara tieghu.

Illi huwa mar fuqhom ghas-sodisfazzjon izda l-Gharab qalulu li kienu qed jitkellmu fuq karozza li kienet fi triq. L-imputat ma emminhomx

inholqot tilwima bil-kliem u dahal id-dar u hareg ghalihom b'senter li skond hu kien minghajr skratacc u beda jheddidhom. Jigi osservat ukoll li wiehed mill-Gharab kellu flawt f'idejh.

Illi sussegwentament l-incident waqaf u l-Gharab ghamlu rapport lill-pulizija.

Il-Qorti hija tal-fehema li f'dan il-kaz jikkonfiguraw il-kontravenzzjonijiet indikati fl-akkuza 2 u 6. L-akkuzi l-ohra ma rrizultawx sodisfacentament provati.

Illi in propositu ghall-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa ta' l-imputat u c-cirkostanzi li taw il-lok ghall-incident. Izda minn naha l-ohra ma tistax tinjora il-gravita ta' sitwazzjoni li tigi kreata meta persuna taqbad senter jew arma tan-nar f'nofs tilwima.

Ghal dawn il-mottivi tiddeciedi billi ssib l-imputat hati skond l-akkuzi 2 u 6 u wara li rat l-artikoli 339b, 338bb u 342 kapitolu 9 tikkundannah Lm25 ammenda fuq l-ewwel akkuza u Lm15 ammenda fuq l-akkuza l-ohra. In oltre tordna il-konfiska tas-senter 434217 a tenur

***Dr.Noel Cuschieri***

***Magistrat***